jagħmilha.

# Il-Ħolqien ta' Kollezzjoni Nazzjonali tassew komprensiva ta' Melitensja

**Dr William Zammit**[1]

Meta ġejt mitlub sabiex nipprepara studju dwar xi aspett tal-ktieb Malti fl-okkażjoni ta' din l-edizzjoni tal-fiera tal-ktieb bdejt naħseb dwar xi temi partikulari fil-linja tar-riċerka tiegħi li ħaqqhom jiġu mistħarrġa f'aktar dettall. Ħsibt f'xi suġġetti, iżda wara li irriflettejt ftit aktar fuq il-biċċa deherli li kelli nikteb dwar xi ħaġa differenti, appuntu dwar suġġett li daqs kemm hu rilevanti għall-okkażjoni tal-fiera tal-ktieb, daqstant ieħor hu essenzjali li jiġi diskuss u li titqajjem kuxjenza dwaru. Aktar milli xi biċċa riċerka akkademika mimlija noti, din il-kontribuzzjoni tikkonsisti f'diskussjoni pjuttost miftuħa dwar il-ħtieġa li pajjiżna jagħti aktar attenzjoni lill-wirt letterarju tiegħu. Patrimonju letterarju, ta' min jgħid, li m'huwa xejn anqas rikk minn dak arkitettoniku u artistiku li jdawwarna. Anki l-produzzjoni letterarja kurrenti Maltija, mhux biss il-materjal l-antik, jistħoqqilha trattament aħjar.

Ili nħoss – u naħseb bosta bħali – illi pajjiżna għadu nieqes wisq mill-infrastruttura neċessarja sabiex ir-riċerkatur – mhux biss l-istoriku, iżda wkoll is-soċjologu, l-ekonomista, l-għalliem, l-istudjuż tax-xjenza politika – prattikament kull min hu interessat f'xi qasam ta' riċerka Maltija, ikun jista' jagħmel xogħlu kif għandu jkun. Dan qed jiġri minħabba żewġ raġunijiet ewlenin li ser niddiskuti fid-dettall, jiġifieri n-nuqqas ta' materjal li jaqa' taħt il-kategorija ta' 'Melitensja' mill-kollezzjonijiet pubbliċi Maltin, u n-nuqqas tal-għodda bibljografiċi li xogħolhom huwa li jelenkaw u jiddiskrivu materjal bħal dan.

## Il-Melitensja fil-kuntest tal-Memorja Nazzjonali

Għerq ewlieni tal-problema f'dan ir-rigward inħoss li huwa

n-nuqqas ta' definizzjoni ċara ta' x'inhu dak il-materjal li għandu jaqa' taħt in-nomenklatura ta' Melitensja. Dan it-terminu ilu li ġie stabbilit bħala l-mod ta' kif wieħed vagament jirreferi għal materjal stampat li għandu xi relazzjoni mal-ġżejjer Maltin. Snin twal ilu l-kollezzjoni ta' dan it-tip ta' materjal fil-bibljoteka nazzjonali ta' Malta u, aktar tard, f'dik tal-università bdew jissejħu b'din in-nomenklatura, u dan jidher li wassal sabiex it-terminu jiġi applikat għal kull kollezzjoni, anki sezzjoni f'ħanut tal-kotba, li tkun tikkonsisti f'materjal stampat 'dwar Malta'. Eżattament x'għandu jikkostitwixxi materjal stampat bħal dan, iżda, għadu qatt ma ġie definit b'mod ċar. Ċertament, li definizzjoni bħal din għandha tinkludi ferm iżjed minn dik il-Melitensja li taqa' taħt il-liġi tad-depożitu legali (*legal deposit*) u li permezz tagħha l-bibljoteka nazzjonali ta' Malta u dik pubblika f'Għawdex (imma mhux dik tal-università) jingħataw kopja b'xejn ta' tipi speċifikati ta'materjal stampat lokalment.

Hu essenzjali li wieħed jiddiskuti definizzjoni iżjed ċara u



kompensiva tal-Melitensja fil-kuntest aktar wiesa' tal-Memorja Nazzjonali. Dan tal-aħħar huwa kunċett ftit jew wisq ġdid għal pajjiżna u ġie studjat fil-fond minn Dott. Lillian Sciberras.[2] Il-kunċett ta' Memorja Nazzjonali imur ferm oltre minn dak kif tradizzjonalment miftiehem ta' Melitensja. Il-Memorja Nazzjonali ta' pajjiż hi kostitwita minn kull tip ta' dokumentazzjoni miktuba (imma anki dik viżiva), u f'kull format li b'xi mod fiha tagħrif dwar xi aspett ta' dak il-pajjiż. Skrizzjonijiet fuq ħaġar u fuħħar, fuq muniti u fuq bini, kitbiet manuskritti, materjal arkivistiku, mużika mhux stampata, materjal awdjo-viżiv u dokumenti elettroniċi, fost tipi oħrajn ta' materjal, huma parti integrali mill-Memorja Nazzjonali mhux ippubblikata permezz tal-istampar. L-enfasi fuq il-kunċett ta' Memorja Nazzjonali jagħmel sens speċjalment, għalkemm mhux biss, fir-realtà moderna, fejn id-diversifikazzjoni tal-midja li tiġbor fiha l-informazzjoni ma tiġġustifikax li tingħata attenzjoni biss lill-materjal stampat u pubblikat kif tradizzjonalment magħruf. Naturalment, il-preservazzjoni u l-aċċessibbilità tal-Memorja Nazzjonali taqa' taħt ir-responsabbiltà tad-diversi istituzzjonijiet li diġà jeżistu (jew li nazzjon sovran u bi storja twila għandu jkollu!). Fil-kuntest lokali nsibu istituzzjonijiet nazzjonali bħas-Sopra Intendenza tal-Wirt Kulturali, l-Arkivju Nazzjonali, il-Bank Ċentrali, il-*Public Broadcasting Services* (din tal-aħħar almenu sakemm jitwaqqaf arkivju nazzjonali awdjo-viziv), l-Awtorità tat-Trasport; oħrajn privati bħal mużewijiet, arkivji, banek u azjendi kummerċjali, il-*Maltapost*, flimkien ma' familji u individwi li għandhom fil-pussess tagħhom materjal ta' Memorja Nazzjonali importanti, kultant anki uniku. Istituzzjoni u individwi barra pajjiżna u li għandhom materjal ta' din in-natura dwar il-gżejjer Maltin daqstant ieħor huma parti integrali mix-xibka ta' depożitorji tal-Memorja Nazzjonali tagħna bl-obbligi u l-potenzjal ta' kuntatti li dan iġib miegħu.

Kif allura tintegra ruħha l-Melitensja, kif tradizzjonalment magħrufa, f'dan il-baħar enormi ta' Memorja Nazzjonali? Għad hemm skop ta' distinzjoni bejn Melitensja u Memorja Nazzjonali?



Jidirli li għandha ssir distinzjoni aktar ċara bejn dawn iż-żewġ termini. Il-Melitensja hija parti mill-Memorja Nazzjonali, bħal ma' huwa, ngħidu aħna, il-materjal arkivistiku. Hija appuntu dik il-parti tal-Memorja Nazzjonali f'format stampat jew prodotta b'mod elettroniku u pubblikata, u li b'xi mod tikkonċerna lill-gżejjer Maltin jew lil nieshom, irrispettivament jekk hiex prodotta jew ippubblikata lokalment jew le. Din id-definizzjoni għaldaqstant tinkludi mill-iċken biljett stampat u minn reklam fuq karta waħda sa volumi b'eluf ta' paġni, dment li l-materjal kien ippubblikat f'aktar minn kopja waħda u intiż biex jiġi ċirkolat. Tinkludi wkoll almenu ċerti tipi ta' materjal pubblikat f'format elettroniku, kemm dak magħruf bħala *fixed* jew *offline electronic resources* (eż. CD-ROMs u DVDs) kif ukoll *remote* jew *online electronic resources* (eż. siti pubbliċi u privati fuq l-internet, pubblikazzjonijiet *online*, *chat groups, news groups* u kull tip ieħor ta' riżorsa ta' rilevanza Maltija fuq l-internet). Dawn il-pubblikazzjonijiet elettroniċi jippreżentaw diffikultajiet mhux żgħar, kemm fejn jidħol l-akkwist

u ż-żamma tagħhom fil-kollezzjoni nazzjonali, kif ukoll fir-rigward tal-kontroll bibljografiku tagħhom.[3] Huma diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom, tista' tgħid, il-bibljoteki nazzjonali kollha, imma donnu li fejn ħaddieħor beda jindirizza dawn l-isfidi, aħna bilkemm bdejna naħsbu dwarhom fuq livell leġislattiv.[4] F'pajjiżna wkoll ilna snin issa nipproduċu materjal bħal dan, li anki bil-kriterji tradizzjonali, għandu importanza tremenda u li assolutament ma jistax jitħalla jintilef. Għandna l-*websites* uffiċjali, perjodiċi ppubblikati biss f'format *online*, u kotba b'riżorsi elettroniċi ppubblikati magħhom.[5]

Huwa impossibbli li f'din id-diskussjoni qasira wieħed ikopri l-parti tal-Melitensja magħmula mill-pubblikazzjonijiet elettroniċi. L-isfidi u l-possibilitajiet ta' żviluppi fejn tidħol il-Melitensja stampata u ppubblikata bil-mod tradizzjonali huma aktar minn biżżejjed f'dan ir-rigward, u għalhekk ser nillimita ruħi għalihom.

## Il-Bibljoteka Nazzjonali: struttura u kontenut[6]

Is-sitwazzjoni lokali tista tiġi deskritta bħala waħda fejn għandna bibljoteka nazzjonali anzjana f'pajjiż żagħżugħ. Imwaqqfa fl-1760, il-bibljoteka nazzjonali tagħna hija l-eqdem waħda fl-ex kolonji tas-seklu dsatax. Bħal bosta bibljoteki antiki oħra, din l-istituzzjoni kulturali Maltija assumiet rwoli differenti matul is-sekli, rwoli li ħallew effett permanenti fuq in-natura tagħha u fuq dak li r-riċerkatur kontemporanju jistenna minnha. Bdiet bħala kollezzjoni ta' kotba li kienu jappartjenu lill-membri tal-Ordni ta' San Ġwann, ewlenin fosthom il-Kardinal Portocarrero u l-Balí de Tencin. Ma' dawn żdiedu kollezzjonijiet oħrajn, flimkien ma' kotba li kienu jinstabu fil-pussess ta' membri tal-Ordni meta dawn kienu jmutu. Għaldaqstant, għalkemm sa mill-bidu l-kollezzjoni kellha element ta' Melitensja fiha, dan kien pjuttost aċċidentali u l-qofol tal-materjal ma kellu x'jaqsam xejn ma' Malta. Sa l-1798 meta l-Ordni tkeċċa minn Malta, minbarra l-eluf ta' volumi, il-bibljoteka kellha wkoll kollezzjoni ta' oġġetti antiki u ta' strumenti xjentifiċi u matematiċi.[7] Kienet bibljoteka u mużew, kif appuntu kienu bosta

mill-bibljoteki Ewropej tas-sekli sbatax u tmintax. Wara t-tħarbit tas-snin 1798–1800, il-bibljoteka eventwalment ġiet trasferita fil-post mibni apposta għaliha (1812) u fejn, mhux mingħajr problemi, għadha sallum.

Matul il-ħakma Ingliża il-bibljoteka saret ukoll waħda minn fejn jiġu mislufa l-kotba biex jinħargu barra mill-post. Beda jiġi akkwistat materjal bl-Ingliż, kemm ta' natura letterarja u xjentifika, kif ukoll gazzetti, perjodiċi u rapporti uffiċjali, flimkien mad-dibattiti tal-parlament Ingliż, dawn tal-aħħar magħrufa bħala l-*Hansard*. Fl-1838 il-bibljoteka assumiet rwol ieħor: dak ta' bibljoteka tal-università, li dak iż-żmien kienet fil-Belt. Dan l-arranġament baqa' fis-seħħ sa' l-1842. Fl-1888 ġiet mgħoddija ordinanza sabiex il-bibljoteka tingħata kopja ta' ċertu materjal stampat f'Malta. Dan l-ewwel arranġament kien purament wieħed ta' natura volontarja u kien intiż primarjament sabiex l-awtur iħares id-dritt tiegħu fuq il-pubblikazzjoni. Mhux hekk biss, imma l-ordinanza tal-1888 kienet teskludi l-gazzetti, r-rapporti annwali u l-fuljetti.[8] Fl-1903, bit-twaqqif tal-Mużew ta' Malta, ir-rwol tal-bibljoteka bħala depożitorju tal-antikitajiet spiċċa. Kien biss fl-1925 li l-bibljoteka akkwistat id-dritt tad-depożitu legali.[9] L-Att tal-1925 ġie rfinut fl-1937.[10] Kien permezz ta' din il-leġislazzjoni li l-bibljoteka bdiet tassumi r-rwol ta' waħda nazzjonali, almenu fl-iżvilupp tal-kollezzjoni jekk mhux fl-isem. Fl-1937 ukoll, iżda, il-bibljoteka saret ukoll depożitorju arkivistiku ewlieni bit-trasferiment tal-arkivju tal-Ordni ta' San Ġwann mir-reġistru pubbliku għall-bibljoteka. Kien biss fl-1974, bit-twaqqif tal-bibljoteka pubblika tal-Furjana li l-bibljoteka neżgħet għal kollox il-funzjoni tas-self tal-kotba. Sentejn wara, il-bibljoteka ġiet uffiċjalment imsemmija 'Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta'.

Il-kontenut tal-kollezzjoni nazzjonali preżenti u l-kapaċità tal-bibljoteka li tiffunzjona bħala waħda verament nazzjonali tirrifletti dan il-passat. Sallum il-maġġoranza l-kbira tal-materjal stampat ma jikkonsistix f'Melitensja, imma f'kotba tas-sekli ħmistax sa tmintax li ġew akkwistati fi żmien l-Ordni. Kollezzjoni ta'

materjal rari u ta' preġju immens, m'hemmx dubju, imma jibqa' l-fatt li l-funzjonament tal-bibljoteka huwa kkundizzjonat mir-realtà li l-maġġoranza tal-kontenut ma hu 'nazzjonali' xejn. Din hija sfida li l-bibljoteka bir-riżorsi limitati tagħha qed tiffaċċja: trid tippreserva, tikkataloga u takkomoda dan il-materjal kollu 'mhux Malti'. Naturalment, lanqas biss tgħaddi mir-ras li dan il-materjal jiġi njorat jew trasferit mill-bibljoteka: huwa parti essenzjali u mhux wisq studjata mill-passat kulturali tagħna. Din hi sfida li ftit bibljoteki nazzjonali ta' pajjiżi moderni ikollhom jiffaċċjaw. Avolja twaqqaf l-arkivju nazzjonali, il-bibljoteka ukoll għadha tiffunzjona bħala il-kustodju tal-arkivju tal-Ordni u dak tal-Awtoritajiet Muniċipali Maltin (seklu 14 sa l–1818). Il-kwistjoni ta' jekk dawn l-arkivji għadhomx issa jkunu trasferiti fl-arkivju nazzjonali hi dibattibli: ċertament toħloq spazju prezzjuż u tirrilaxxa riżorsi umani tant bżonnjużi li jistgħu jintużaw għall-iżvilupp ta' kollezzjoni aktar komprensiva ta' Melitensja. Min-naħa l-oħra, tinħass ċerta reżistenza għal pass bħal dan li jista' jxellef il-



prestiġu tal-bibljoteka. Konsiderazzjonijiet oħrajn iżjed prattiċi li jimmilitaw kontra dan it-trasferiment huma l-kumdità tal-Belt fuq ir-Rabat jew l-Imdina, kif ukoll ir-realtà ta' arkivju nazzjonali diġà mimli sax-xfar bil-materjal.

Dan kollu, flimkien ma' fatturi oħra, wassal sabiex il-bibljoteka nazzjonali tagħna ssibha diffiċli li taqdi l-funzjoni ewlenija li għandha kull bibljoteka nazzjonali: il-preservazzjoni u l-aċċessibbilità tal-materjal letterarju nazzjonali fis-sens wiesa' tal-kelma. Kif għedt qabel, il-problemi hawn huma tnejn: in-nuqqas ta' materjal fil-kollezzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' informazzjoni bibljografika. L-għerq ta' dawn inħoss li huwa n-nuqqas ta' definizzjoni ċara ta' x'jikkostitwixxi l-Melitensja li għandha tkun miġbura mill-bibljoteka nazzjonali. Din id-definizzjoni wieħed jasal għaliha billi jistabbilixxi politika għall-iżvilupp tal-kollezzjoni (*collection development policy*) għall-bibljoteka nazzjonali tagħna.

## Definizzjoni ċara ta' x'jikkostitwixxi l-Melitensja

Inħoss li problema ewlenija li dejjem kellha l-bibljoteka nazzjonali hija appuntu n-nuqqas ta' politika maħsuba sewwa u miktuba dwar x'inhu il-materjal li għandha tikkollezzjona.[11] Hawnhekk ukoll ma nkunu qed nivvintaw xejn ħdid – il-maġġoranza tal-bibljoteki nazzjonali għandhom *collection development policy* miktuba u pubblika u li tiddefinixxi b'mod ċar il-materjal li jinteressa lill-bibljoteka.[12] Forsi hawn min jgħid li hu ovvju x'inhu dak li jinteressa lill-bibljoteka li takkwista: il-Melitensja, u għalhekk m'hemmx ħtieġa ta' *collection development policy* fil-każ Malti. Jidirli li dan hu żbaljat. Hemm bżonn ta' linji gwida ċari kemm dwar il-Melitensja ppubblikata bil-mod tradizzjonali u – aktar u aktar – fir-rigward tal-Melitensja ppubblikata elettronikament. Fil-kaz tal-ewwel tip, politika bħal din għandha tistabbilixxi eżattament x'tip ta' Melitensja stampata għandha tiġi akkwistata. Ovvjament 'il-kotba', imma xi ngħidu dwar posters, forom oħra ta' reklamar, materjal politiku, studji dwar xi aspett Malti ppubblikati f'xogħlijiet barra minn pajjiżna, materjal viżiv bħal kartolini

stampati, u tant tipi oħra ta' materjal? Fejn jidħol il-materjal ippubblikat elettronikament il-ħtiega hija saħansitra akbar, u hawn nagħmlu tajjeb li nsegwu dak il qed jagħmlu bibljoteki nazzjonali oħrajn.

L-iżvilupp ta' politika bħal din għandha tgħin biex il-kollezzjoni nazzjonali tal-Melitensja tiżviluppa b'mod konsistenti u komprensiv. Fl-istess waqt tiftaħ it-triq għal żviluppi oħra relatati. Jekk ilna nisħqu li l-liġi antikwata tad-depożitu legali għandha tiġi aġġornata, dan qabel xejn jitlob li l-bibljoteka jkollha *collection development policy* li allura tkun riflessa fil-liġi l-ġdida. Mhux hekk biss, iżda. It-tfassil ta' din il-politika tipprovdi linji ta' gwida lill-bibljoteka anki dwar materjal ippubblikat fil-passat u li huwa nieqes mill-kollezzjoni.

Dment li jiġi definit il-materjal li jinteressa il-kollezzjoni nazzjonali allura l-pass li jmiss ikun li jitwaqqaf ċentru responsabbli mill-kontroll bibljografiku fi ħdan il-bibljoteka, bil-għan speċifiku li tinġabar informazzjoni dwar Melitensja nieqsa mill-kollezzjoni.

Dan iċ-ċentru żgħir, li bħalu jeżistu f'pajjiżi oħra, ikun magħmul minn staff tal-bibljoteka u possibbilment anki minn xi esperti u akkademiċi minn barra l-istituzzjoni. Ħidma ewlenija taċ-ċentru tkun li jrawwem il-kuntatti neċessarji ma' kollezzjonisti u ma' bibljoteki Maltin u barranin fi sforz sabiex jiġi akkwistat il-materjal nieqes, jekk mhux fl-oriġinal, għallanqas f'kopja diġitali. Jeċisti patrimonju kbir ta' Melitensja għand kollezzjonisti Maltin u li jinsab nieqes mill-kollezzjoni nazzjonali.

Il-kollezzjonist Malti bosta drabi jkun lest li jikkopera dment li l-kontribut tiegħu ikun b'xi mod rikonoxxut, u dan mhux neċessarjament b'mod finanzjarju. Irkantijiet u forom oħra ta' bejgħ ta' Melitensja, anki dawk *online*, iridu jkunu segwiti regolarment sabiex jew jinxtara l-materjal, jew għallanqas jinżamm rekord tiegħu.

Possibbilment għandha tkun mgħoddija leġislazzjoni biex biha l-Istat jeżenta minn ċertu taxxi lil dawk li jħallu Melitensja lil bibljoteka, kif ukoll li tagħti lill-Istat id-dritt tal-ewwel preferenza għax-xiri ta' Melitensja bil-prezz tas-suq.

## Nuqqas ta' materjal stampat lokalment mill-kollezzjoni nazzjonali

Filwaqt li l-kollezzjoni tal-Melitensja fil-bibljoteka nazzjonali hija l-akbar waħda fid-dinja, hija wkoll waħda b'nuqqasijiet konsiderevoli. Jiena naqsam dawn in-nuqqasijiet taħt żewġ kategoriji ewlenin, jiġifieri materjal stampat lokalment u dak stampat barra minn xtutna. Rigward tal-ewwel, jeżistu nuqqasijiet ta' materjal antik (materjal stampat f'Malta qabel l-1925 u li ma kien kopert bl-ebda obbligu ta' depożitu legali), kif ukoll ta' materjal modern (stampat lokalment mill-1925 'il quddiem).

### *(i) Pubblikazzjonijiet lokali: il-materjal l-antik*

Il-pubblikazzjonijiet lokali ta' qabel l-1925 ma' kinux akkwistati mill-bibljoteka b'mod sistematiku u bil-forza tal-liġi. Kienu mixtrija (dejjem kemm jippermettu l-mezzi finanzjarji limitati tal-bibljoteka, jew kif kien jidirlu l-bibljotekarju) jew inkella jingħataw mill-awtur jew pubblikatur, l-aktar wara l-ordinanza tal-1888. Materjal ieħor ġie akkwistat, anki snin wara li kien ippubblikat, permezz ta' xi xiri jew donazzjoni ta' kollezzjonijiet ta' Melitensja minn terzi persuni. Eżempji magħrufa ta' dawn tal-aħħar kienu l-għotja tal-Konti Giovanni Messina u ta' Dott. Louis Galea fis-snin għoxrin u sebgħin tas-seklu għoxrin. Anki qabel l-ewwel leġislazzjoni ta' depożitu legali, il-gvern jidher li kien jgħaddi kopja tal-pubblikazzjonijiet uffiċjali lokali – almenu xi wħud minnhom – lill-bibljoteka.

Ma jistax jonqos li b'dawn il-metodi ta' akkwist, il-Melitensja fil-bibljoteka pubblikata lokalment qabel l-1925 hi pjuttost 'il boghod milli tkun kollezzjoni kompluta.[13] Bla dubju, fejn jidħol materjal stampat f'Malta qabel l-għoti tal-libertà tal-istampa f'Jannar 1839, dan għandu kollu jkun kunsidrat bħala Melitensja u għaldaqstant isib ruħu fil-kollezzjoni nazzjonali. F'dan il-kuntest jeżistu nuqqasijiet kbar. Għadna d-dokumentazzjoni neċessarja sabiex inkunu nistgħu nidentifikaw prattikament kull




xogħol li kien stampat lokalment matul l-ewwel sekli tal-istampar f'pajjiżna. Nikkalkula li mill-prodott kollu stampat f'Malta bejn il-bidu tal-istampar hawnhekk fl-1642 u l-għoti tal-libertà tal-istampa, fil-bibljoteka nazzjonali tagħna m'hemmx aktar minn massimu ta' 30 sa 35 fil-mija. Wara l-1839 il-kontroll bibljografiku isir aktar kumpless minħabba l-ammont ta' stamperiji privati li ġew imwaqqfa. Minħabba f'hekk, il-perjodu 1839 sa l-1925 joffri sfidi mhux żgħar. Anki l-kollezzjoni tal-perjodiċi u tal-gazzetti pubblikati f'Malta għandha nuqqasijiet konsiderevoli. Huwa kemmxejn ironiku li l-ewwel gazzetta stampata lokalment bil-Malti, *Il Kaulata Maltia*, tinsab fil-bibljoteka nazzjonali Ingliza, imma mhux f'dik Maltija.

### *(ii) Pubblikazzjonijiet lokali mill-1925 'il quddiem*

Bl-ewwel regolamentazzjoni tal-obbligu tad-depożitu legali, l-akkwist mill-bibljoteka tal-Melitensja ppubblikata f'pajjiżna sar wieħed iżjed regolat u komprensiv. Madankollu żgur li la fl-

1925 u wisq anqas illum ma jidher li l-bibljoteka għandha tassew il-mekkaniżmu legali u amministrattiv sabiex tiżgura li qiegħda tabilħaqq takkwista u tippreserva l-patrimonju letterarju kollu prodott lokalment. Il-kawżi ta' dan huma appuntu n-nuqqasijiet fil-liġi, li għandha bżonn tkun aktar komprensiva dwar il-materjal li jaqa' taħtha. Barra minn dan hemm ukoll id-diffikultajiet sabiex il-bibljoteka tkun taf attwalment x'qed jiġi stampat u l-infurzar tal-liġi fil-każ ta' min jinjorha.

Nista', f'dan il-kuntest, nieħu l-eżempju tal-materjal politiku prodott lokalment minn nofs is-seklu dsatax 'il quddiem. Fuljetti, materjal satiriku, programmi elettorali, fi ftit kliem dak il-ħemel ta' materjal intiż biex jasal għand, u jifforma l-opinjoni politika tal-massa tal-poplu. Materjal li bla dubju huwa indispensabbli jekk wieħed verament irid jistudja fil-fond qasam ewlieni bħalma hi l-formazzjoni tal-kuxjenza u l-opinjoni politika Maltija. Madankollu din it-tip ta' Melitensja hija verament limitata fil-kollezzjoni nazzjonali. Eżempju ieħor ovvju f'dan il-kuntest jirrigwarda l-produzzjoni ta' reklamar ta' mezzi tad-divertiment inkluż, fost l-oħrajn, it-teatru.

### Nuqqas ta' materjal stampat barra minn xtutna

Fir-rigward ta' Melitensja stampata u, jew ippubblikata barra minn Malta ma' jista' jeżisti l-ebda obbligu ta' depożitu legali. Għaldaqstant il-bibljoteka trid jew tixtri dan il-materjal jew inkella takkwistah b'xejn mingħand l-awtur jew il-pubblikatur. Dan huwa ocean ieħor ta' materjal: il-Melitensja prodotta barra minn pajjiżna tmur lura saż-żerniq tal-istampar. Filwaqt li ġeneralment il-kotba ewlenin ta' dan it-tip jinstabu fil-bibljoteka, hemm kwantità konsiderevoli ta' kotba, pamflets u fuljetti li huma nieqsa mill-kollezzjoni. Xi eżempji ta' dan: matul l-ewwel deċennji tas-seklu għoxrin, imma l-aktar mal-bidu tal-faxxiżmu fl-Italja kienu stampati kwantità ta' pamflets u fuljetti dwar xi aspett Malti. Id-doża jidher li kompliet tiżdied matul is-snin tat-tieni gwerra, meta naturalment materjal bħal dan lanqas biss kien jitħalla jidħol

f'Malta. Patrimonju kbir ta' Melitensja li ftit li xejn għandna minnu fil-kollezzjoni nazzjonali. Daqstant ieħor huma l-istudji pubblikati dwar Malta f'kotba u rivisti barranin: f'dawk Ingliżi, Taljani, Franċiżi, Germaniżi, Spanjoli, Għarab, imma mhux biss. Hawnhekk forsi wieħed jeħtieġlu jkun selettiv – appuntu l-importanza li l-bibljoteka tifformola u timplimenta definizzjoni ċara tal-materjal li għandha takkwista.

Anki fir-rigward tal-Melitensja ppubblikata fi żmienna barra pajjiżna, jidher li l-bibljoteka għad m'għandiex mekkaniżmu tajjeb biżżejjed biex taċċerta li ssir taf bil-materjal u takkwistah.

## Il-produzzjoni ta' għodda bibljografika

Il-ħtiega ta' żvilupp ma' tikkonċernax biss l-akkwist tal-materjal nieqes u dak li qed jiġi ppubblikat fi żmienna, imma wkoll il-ħolqien u l-aġġornar tal-għodda bibljografiċi neċessarji sabiex ir-riċerkatur ikun jista' jsib il-materjal li jkun jeħtieġ. Inħoss li f'dan il-qasam għandha tingħata prijorità immedjata lill-katalogar mill-ġdid tal-Melitensja fil-bibljoteka. Fil-preżent il-kollezzjoni hi katalogata b'sistema antikwata u anki inkonsistenti. Barra minn dan, taqsimiet importanti tal-kollezzjoni jew huma katalogati biss separatament, u allura ir-riċerkatur faċilment lanqas biss jinduna bihom, jew inkella m'huma katalogati xejn. Fost tal-ewwel wieħed isib il-kollezzjoni mogħtija minn Louis Galea; fost tat-tieni materjal ta' Melitensja (l-aktar pamflets u fuljetti) li jinsabu illegati fil-mijiet ta' volumi tal-mixxelanja. Materjal ieħor ta' Melitensja stampata jinsab illegat ġewwa volumi ta' arkivji, jew fil-volumi tal-kollezzjoni tal-manuskritti tal-bibljoteka. Dan tal-aħħar jinkludi materjal rarissimu u li tiegħu ma teżistix kopja oħra fil-bibljoteka.

L-ikkatalogar mill-ġdid tal-Melitensja fil-kollezzjoni nazzjonali hi biċċa xogħol kbira daqskemm hi indispensabbli. Kull biċċa Melitensja trid tiġi eżaminata u katalogata fuq kriterji moderni u stabbiliti internazzjonalment. Fuq kollox, bħal bibljoteki nazzjonali oħra, il-katalogu għandu jkun ukoll *online* biex jiffaċilita tremendement ir-riċerka.

L-għodda bibljografika hija wkoll nieqsa. Qabel l-1983 lanqas bibljografija nazzjonali ma kellna u minħabba f'hekk il-kontroll bibljografiku tal-Melitensja ppubblikata qabel dik is-sena huwa difettuż serjament.

Bibljografiji jeżistu: ħafna drabi frott ta' riċerka minn individwi u li jkopru suġġetti jew formati partikulari. Dawn ġeneralment jikkonsistu f'xogħlijiet bibljografiċi pubblikati snin twal ilu u li la għadhom jinstabu faċilment u wisq anqas ma qatt ġew aġġornati. Hawn ukoll teżisti l-ħtieġa ta' attenzjoni urġenti. Mingħajr għodda bibljografika tajba ir-riċerkatur ma jistax jaħdem sew u dan ikun rifless f'xogħlu. Il-kompilazzjoni u l-aġġornament ta' bibljografiji ta' Melitensja huwa qasam li ma jappartjenix biss lil bibljoteka nazzjonali. Istituzzjonijiet oħra, flimkien ma' akkademiċi jistgħu jagħtu sehemhom f'dan il-qasam. Madankollu dan ix-xogħol qajla jista' jsir bir-reqqa meħtieġa sakemm il-kollezzjoni nazzjonali ma tkunx katalogata sew.

Mill-1983 'il quddiem il-bibljoteka nazzjonali bdiet tippubblika l-bibljografija nazzjonali ta' Malta. Dan kien pass kbir 'il quddiem u li permezz tiegħu il-bibljoteka bdiet taqdi funzjoni li hi mistennija minn kull bibljoteka nazzjonali. Huwa wkoll ta' mertu li, bid-diffikultajiet kollha, il-bibljoteka tagħna kompliet tippubblika konsistentement il-bibljografija nazzjonali Maltija sallum. Dan ma jfissirx li m'hemmx lok ta' titjib f'dan ir-rigward, ewlieni fost dan ikun il-pubblikazzjoni *online* tal-bibljografija nazzjonali.

Il-ħolqien ta' ċentru bibljografiku nazzjonali fi ħdan il-bibljoteka, anki jekk b'involviment ta' esperti u akkademiċi minn barra l-bibljoteka, hija ħtieġa li ilu jinkiteb dwarha. Ċentru bħal dan ikollu r-responsabbiltà tal-aspetti bibljografiċi diskussi fil-qosor hawn fuq.

Żgur li dan ikun jirrikjedi aktar ħaddiema kwalifikati fil-bibljoteka. Kull sena, iżda, qed jiggradwaw mill-università tagħna għadd mhux ħażin ta' studenti bi kwalifiki fl-istudji bibljotekarji. Xogħol x'isir hemm, nies kwalifikati qed inrawmu wkoll: li jonqos hija s-sinerġija meħtieġa biex dawn jinġiebu flimkien.

**Rakkomandazzjonijiet**

Fil-qosor, inħoss li dawn li ġejjin huma r-rakkomandazzjonijiet ewlenin sabiex il-patrimonju letterarju Malti jkun imħares għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri:

1. Jissaħħu r-riżorsi finanzjarji u umani tal-bibljoteka nazzjonali kif jixraq lil din l-istituzzjoni responsabbli mill-ħarsien tal-patrimonju letterarju Malti. Dan jista' jsir permezz ta' fondi u forom oħra ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea u minn istituzzjoni internazzjonali.

2. Il-bibljoteka nazzjonali tiddefinixxi b'mod ċar x'jikkostitwixxi l-Melitensja, permezz ta' politika għall-iżvilupp tal-kollezzjoni (*collection development policy*) miktuba. Dan imbagħad għandu jwassal għal leġislazzjoni moderna dwar id-depożitu legali u dwar inċentivi għall-akkwist ta' Melitensja fil-format tradizzjonali u elettroniku u li hija nieqsa mill-kollezzjoni nazzjonali.

3. It-twaqqif ta' ċentru bibljografiku nazzjonali li jkun responsabbli mill-aspetti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-akkwist u mal-kontroll bibljografiku tal-Melitensja fil-bibljoteka nazzjonali.

4. Jiġu mrawma kuntatti ma' bibljoteki Maltin u barranin u ma' kollezzjonisti tal-Melitensja. Jiġu wkoll segwit il-bejgħ ta' Melitensja f'irkantijiet u fuq l-internet. Dan kollu sabiex il-bibljoteka tiksib materjal jew informazzjoni dwar materjal nieqes mill-kollezzjoni nazzjonali.

5. Isir il-katalogar mill-ġdid tal-kollezzjoni tal-Melitensja fil-bibljoteka nazzjonali u l-katalogu jitpoġġa *online*. Dan hu proġett li jirrikjedi ċertu tul ta' żmien, iżda huwa wieħed fattibbli u indispensabbli.

6. Issir ħidma sabiex tiġi kreata *database* ta' dik il-Melitensja li hija nieqsa mill-kollezzjoni nazzjonali.

Żgur li hawn min ser jisħaq li dan kollu huwa diffiċli jekk mhux impossibbli li jitwettaq fil-kuntest lokali. Faċli konvint li m'huwiex, imma nemmen ukoll li b'rieda tajba, b'ħeġġa u fuq kollox billi naċċettaw li n-nuqqasijiet tassew jeżistu naslu bħalma', wara kollox, wasal ħaddiehor.

---

## Noti

1 L-awtur huwa lekċerer fiċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (CCT) fl-Università ta' Malta u awtur ta' bosta studji akkademiċi dwar l-istorja tal-pubblikazzjoni u tal-ktieb, fosthom *Printing in Malta, 1642–1839* (Malta, 2008).

2 Għar-riċerka ewlenija ta' Sciberras fuq is-suggett ara Sciberras, L, 'Melitensia: Information Resource and National Memory', teżi għad-dottorat mhux pubblikata, sottomessa lill-Università ta' Londra (2001). Għal studji pubblikati reċentement ara wkoll tal-istess awtur, 'Technological Developments, Malta's National Memory, and the Role of Libraries', f' Zerafa, L.V. (ed.), *Libraries and National Development: Proceedings of a Conference organized by the 'Għaqda Bibljotekarji' (Library Association, Malta) on its 30th Anniversary 11th December 1999* (Malta, 2000), 2 –39; u 'Melitensia in the Twenty First Century', f' Farrugia, C.J. (ed.), *Guardians of Memory: Essays in remembrance of Hella Jean Bartolo Winston* (Malta, 2008), 391–404.

3 Ir-riċerka pubblikata dwar dan il-qasam qed tiżdied b'rata qawwija ferm, ara, bħala eżempju, Wiggins, B., 'IFLA survey on inclusion of electronic resources in national bibliographies' (2005).Jinstab: http://www.ifla.org/IV/ifla71/ppapers/177e-Wiggins.pdf (8.9.2008).

4 Eżempju wieħed ta' pajjiż li beda jindirizza din ir-realtà pjuttost ġdida huwa New Zealand. Ara 'National Library Requirement (Electronic Documents) Notice 2006. Jinstab taħt forma ta' fajl pdf (8.9.2008).

5 Ara l-website uffiċjali tal-Gvern ta' Malta li ilha teżisti mis-snin disghin. Eżempju ta' perjodiku lokali pubblikat biss f'format *online* huwa *Journal of Maltese Education Research* (JMER), pubblikat mill-Fakultà tal-Edukazzjoni, Università ta' Malta. Eżempju ta' Melitensja f'format tradizzjonali b' riżorsa miegħu huwa *The Great Siege, Knights vs Turks*

*mdlxv*, ta' S.C. Spiteri (Malta, 2005). L-indiċi ta' dan il-ktieb kien pubblikat biss fil-format ta' CD-ROM.

6 F'dan ir-rigward nixtieq nagħmilha ċara li l-kummenti u s-suġġerimenti tiegħi dwar il-funzjonament tal-bibljoteka nazzjonali bl-ebda mod m'għandhom ikunu interpretati bħala kritika lejn l-uffiċċjali preżenti jew passati tal-bibljoteka, iżda meħuda fil-kuntest tal-oriġini u tal-evolviment tal-bibljoteka nazzjonali tagħna.

7 Dwar dan ara Zammit, W. 'A Treasure Lost: The Portocarrero collection of scientific instruments and interest in the sciences in Hospitaller Malta', f' J. Zammit-Ciantar (ed.), *Symposia Melitensia*, numru 2 (Malta, 2005), 1–20.

8 Ara Ordinanza II tal-1888, pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, numru 3257 (11.6.1888), 147–50. Ara wkoll il-Gazzetta tal-Gvern, numru 3258 (14.6.1888), 274 u numru 3265 (13.7.1888), 423.

9 Att II tal-1925, pubblikat bħala suppliment VIII tal-Gazzetta tal-Gvern (20.3.1925), 89.

10 Ordinanza XIV tal-1937, pubblikata bħala suppliment XLVI tal-Gazzetta tal-Gvern (28.5.1937), 589–93.

11 Fuq dan ara J.R. Grima, 'The National Library', f' R. Mizzi, C.C. Vella u H. Brown (ed.), *Report on the State of Maltese Libraries* (Malta, 2006), 15, 'The [National] Library does not have a formal collection development policy. There is, however, an unwritten policy whereby the National Library buys relevant history books on Malta and on the Order. The weeding policy is the prerogative of the librarian, who has no senior to consult. A book selection committee would be a great help in this and ancillary matters, in the absence of a Collection Development Policy.'

12 Bħala eżempju ta' kemm tista' tkun dettaljata *collection development policy* ta' bibljoteka nazzjonali, ara dik tal-*British Library*. Tinstab: http://www.bl.uk/aboutus/stratpolprog/coldevpol/index.html (8.9.2008).

13 Dawn in-nuqqasijiet kien diġa semmihom Ġużè Gatt fis-snin ħamsin tas-seklu għoxrin, ara Gatt, Ġ., 'Nuqqas ta' Kotba ta' Malta fil-Bibljoteka: Kalendarji u Almanakki', f'*Il-Berqa*, 7.1.1953, 7, u 8.1.1953, 3.